# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tal-31 t'Ottubru 2023**

**Talba nru. 243/2021**

**PAUL FARRUGIA (KI 107467M) U JOHN FARRUGIA (KI499868M)**
**EZERCENTI L-KUMMERC F'ISEM DITTA**
**FARRUGIA LIGHTING AND INTERIORS**

*VERSUS*

**GLEN SCHEMBRI**
**(KI 168588M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentata fit-23 t' Awwissu 2021(a fol 1 et seq), l-atturi talbu lill-konvenut sabiex jigi kkundanat ihallas l-ammont ta' elf u mitt Ewro (Eur 1100) liema ammont jirraprezenta l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija li giet mibjugha u konsenjata lill-konvenut. Bl-Ispejjez inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju 1646/2021 u bl-imghax.

Ra illi debitament notifikat, l-konvenut ipprezenta risposta fejn fiha eccepixxa illi t-talbiet attrici qed jigu kontestati stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex l-oggetti mibjugha mhumiex skond il-kwalita pattwita u li tali merkanzija ma gietx konsenjata fit-totalita taghhom u b'mod komplet.

Sema x-xhieda ta' l-attur, konvenut u Amanda Mifsud;

Ra d-dokumenti prezentati;

Ra illi l-partijiet irrimettew ruhom ghall-atti tal-kawza;

Ra illi din il-kawza thalliet ghad-decizjoni.

Ikkunsidra

Illi Amanda Mifsud, haddiema mad-ditta gestita mill-atturi ikkonfermat illi l-konvenut kien xtara lighting fixtures kif jidher mill-invoice li giet prezentata ma' l-istess affidavit. (Fol.18). Ix-xhud tghid illi l-affarijiet kollha kienu gew konsenjati ghalkemm mhux kollha f'daqqa. Hija tghid illi kien baqa l-ahhar item li gie konsenjat fl-4 ta' Settembru 2020. Il-konvenut kien ilmenta mill-ewwel ghal mod kif parti mill-kristall kien jehel mal-qafas.

Ix-xhud tkompli tghid illi din il-lighting fixture kienet hekk anke fis-showroom u ghaldaqstant il-konvenut kien jaf x qed jixtri. Minkejja dan, sar qbil mal-konvenut sabiex jingieb kristall mill-gdid sabiex il-konvenut ikun kuntent. Il-konvenut kien zamm din il-fixture u anke installaha.

Minhabba illi kien hemm dewmien sabiex dan il-kristall jigi konsenjat, id-ditta gestita mill-atturi kienu ghaddew cekk bl-ammont ta' Eur 850 bhala garanzija ghar-replacement crystal kif xtaqu l-konvenut. Dan ic-cekk kien issarraf.

Ix-xhud tkompli tghid illi fl-24 ta' Novembru 2020 kienet gharrfet lill-konvenut illi l-kristall kien wasal. Minkejja diversi tentattivi sabiex dan il-kristall jingabar minghand l-atturi, l-konvenut baqa qatt ma mar jigbor dan il-kristall. Ghaldaqstant ix-xhud tghid illi l-konvenut zamm l-ammont ta' Eur 850 li inghatawlu bhala garanzija ghar-replacement, kif ukoll il-lighting fixture originali.

Fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2023, xehed l-attur Paul Farrugia li qal illi l-bejgh ta' dawn l-oggeti kien ghamlu hu stess lill-konvenut. Izda x gara minn dak il-punt 'l hemm ma jafx. Ix-xhud jaf illi huma kienu hargu cekk lill-konvenut fl-ammont ta' Eur 950.

Fl-udjenza ta' l-20 ta' Marzu 2023 xehed il-konvenut li qal li kien mar mal-mara tieghu ghand Farrugia Lightings u kien ra xi linef. Eventwalment il-konvenut kien ordna tlett linef u fit-12 ta' Novembru 2019 kien hallas Eur 100 deposit. Il-konvenut ipprezenta l-quotation (Fol.23) Il-linfa in kwistjoni kienet tiswa iktar minn kemm kien intqal lill-konvenut, izda l-partijiet kienu waslu fi qbil li jaqsmu d-differenza u ghalhekk din il-linfa giet tiswa Eur 950.

Illi l-konvenut ipprezenta l-ircevuta tad-deposit (Fol.24). Meta l-konvenut ircieva l-ewwel zewg linef, huwa kien hallas l-ammont ta' Eur 1400 kif miftiehem. Il-konvenut ighid illi dam sena gej u sejjer ghand l-atturi sabiex jara meta kienet ser tigi konsenjata t-tielet linfa li ghalkemm kienet tiswa Eur 1100, kien gie maqbul illi tinxtara ghal prezz ta' Eur 950. Fit-3 ta' Settembru 2020, giet konsenjata t-tielet linfa f zewg kaxxi. Il-konvenut beda jarma din il-linfa u minhabba t-toqol taghha, innota illi din il-linfa nizlet b'madwar 4 centimetri. Il-konvenut ikompli ighid illi l-kristalli ta' mal-linfa ma kienux gew konsenjati kollha. Minhabba dan id-dewmien il-konvenut ighid illi missier l-atturi kien qallu, "*Qalli mhux hekk naghmlu, qalli ha ntik cekk lura ta' kemm tiswa l-linfa, qalli jekk ma tasalx. . .l-affarijiet jekk ma jaslux il-kristalli sa November ta' dik is-sena, sa l-ahhar ta' Novembru ta' dik is-sena, sarraf ic-cekk*." Il-konvenut ighid illi stenna sahanistra sa l-ahhar ta' Dicembru qabel sarraf ic-cekk.

Illi l-ftehim kien illi kemm-il darba l-kristalli jaslu sa l-ahhar ta' Novembru, c-cekk kellu jigi ritornat lura lill-atturi. Il-konvenut ighid illi l-kristalli baqghu ma waslux. Illum il-gurnata, l-konvenut ighid illi l-kristalli li gew fl-ewwel konsejna u fit-tieni konsenja ma jaqblux u mhumiex ta' l-istess qies. Minkejja dan, il-konvenut ighid, *". . .jiena miniex kuntent biha kif inhi, pero miniex lest lanqas illi naqla u nbiddel il-kristalli issa. Issa b'dik ha noqghod*."

Illi matul il-kontro ezami, il-konvenut ighid illi huwa "*lest li nasal ghal ftehim finanzjarju*" meta mistoqsi kif qed jippretendi li jzomm il-linfa minghajr ma jkun hallas xejn ghaliha. Il-konvenut jikkonferma illi huwa mhux lest jirritorna lura l-linfa. Il-konvenut ighid illi minhabba li l-ammont moghti lilu kien marbut mal-perjodu ta' l-ahhar ta' Novembru, huwa ghandu jzomm dan l-ammont ghaliex il-kristall kien wasal wara dan iz-zmien. Matul il-kontro ezami l-konvenut ighid ukoll illi l-ftehim kien illi jekk l-kristall ma jasalx sa Novembru, huwa seta jzomm il-linfa bla ma jkun hallas ghaliha. Izda jghid ukoll illi huwa ried izomm il-linfa u jhallas prezz inqas ghaliha (Fol.22H) Mistoqsi jekk kellu jzomm il-linfa b'xejn kif issa qed ighid illi lest ihallas xi haga taghha, il-konvenut wiegeb, "*Ghax ma nixtieqx li tibqa sejra biha hu. Ghax naf li mhux . . . illi m'ahniex ha naslu mod iehor. . . .*"

Illi din il-kawza, skarsa minn evidenza, tibbaza kollox fuq zewg punti:- dwar il-ftehim li kien sar dwar l-ammont ta' Eur 950 moghitja lill-konvenut u l-kwalita ta' l-oggetti konsenjati lill-konvenut.

Illi t-Tribunal jaghraf illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar is-segwenti fatti:-

a. Illi missier l-atturi ta cekk lill-konvenut fl-ammont ta' Eur 950.
b. Illi kien hemm dewmien sabiex il-konvenut jircievi dak li ornda minghand l-atturi.

Illi t-Tribunal jinnota illi l-atturi ma kkontestawx l-argument tal-konvenut u cioe illi l-kristall konsenjat f'diversi perjodi mhuwiex kollu l-istess. Huwa car f'ghajnejn it-Tribunal illi l-konvenut sofra minn dewmien sabiex gie konsenjat lilu dak li ornda kif ukoll illi minhabba li l-kristalli gew f'konsenji differenti, dawn ma jkunux ezatt bhal kumplament tal-linfa.

Izda t-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi l-konvenut ma jistax jippretendi illi jzomm l-oggett mibjugh lilu minghajr ma jkun hallas xejn, partikolarment meta jinsisti illi huwa mhux dispost jerga jaqla l-linfa la biex jirritorna lura u wisq inqas biex din tigi irrangata. Fil-fatt, il-konvenut ghal aktar minn darba matul il-kontro ezami jghid illi huwa dispost ihallas xi haga sabiex din il-materja tigi rizolta. F'ghajnejn it-Tribunal, din tohloq ammissjoni min-naha tal-konvenut illi, filwaqt illi wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-problemi li kellu jghaddi minnom, ghandu jkun hemm xi forma ta' hlas lejn l-atturi.

Illi filwaqt li l-atturi qed jitolbu l-ammont ta' Eur 1100 minghand il-konvenut, li huwa l-prezz tal-linfa in kwistjoni u li jidher fl-invoice a fol. 18, dan l-ammont qed jigi kontestat min-naha tal-konvenut stante illi jghid illi kien gie miftiehem illi l-prezz ghal din il-linfa kellu jkun ta' Eur 950. L-argument tal-konvenut huwa kkorraborat mill-fatt illi c-cekk mahrug favur l-istess konvenut bhala 'garanzija' ghal partijiet nieqsa tal-linfa kien jammonta ghal Eur 950 u ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa konvint li l-prezz maqbul bejn il-partijiet kien ta' Eur 950.

Illi ghaldaqstant il-konvenut affix-xhieda tieghu jirrikonoxxi illi huwa ghandu jhallas ghal din il-linfa li huwa finalment zamm u qed igawdi, izda bi prezz ridott u dan minhabba li mhiex tal-kwalita pattwita. Il-konvenut ipprezenta diversi ritratti fejn juri li l-kristall li ingieb lilu mill-atturi wara l-konsenja originali ma jaqbilx ezatt ma' l-originali. Minkejja dan, it-Tribunal m'ghandu xejn x jassistih sabiex jifhem kemm jista jkun l-ammont ta' dannu soffert mill-konvenut minhabba din in-nuqqas ta' kwalita.

Galadarba t-Tribunal huwa rinfaccat minn sitwazzjoni fejn il-mezzi probatorji ma jwasslux ghal precizjoni ghad-determinazzjoni tad-danni li qed isofri l-konvenut minhabba l-kwalita lilu

konsenjata, dan it-Tribunal ser jadotta r-regola ta' l-*arbitrio boni viri*, fejn l-ammont jigi stabbilit *ex aqquo et bono* mill-gudikant.

It-Tribunal sejjer jaghmel dan billi jalloka lill-atturi nofs is-somma minnom pretizi, jigifieri l-ammont ta' Eur 550.

**Decide**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa limitatament t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' hames mija u hamsin Ewro (Eur 550) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% li jibdew jiddekorru mil-lum sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur